



TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI
EWROPEA TAL-AWDITURI

Konsulenti esterni fil-Kummissjoni Ewropea - Lok
għal riforma

Werrej

I. GENERAL INTRODUCTION TO THE COMMISSION REPLIES.....	2
II. COMMISSION REPLIES TO ECA RECOMMENDATIONS	2
Recommendation 1 - Complete the existing framework governing the use of external consultants' services.....	2
Recommendation 2 - Improve monitoring and mitigation of risks arising from using external consultants' services.....	3
Recommendation 3 - Make better use of the results of external consultants' services.....	4
Recommendation 4 - Improve reporting on the use of external consultants' services.....	5

Dan id-dokument jippreżenta t-tweġibiet tal-Kummissjoni Ewropea għall-osservazzjonijiet ta' Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, f'konformità mal-Artikolu 259 tar-Regolament Finanzjarju u li għandhom jiġu ppubblikati flimkien mar-Rapport Speċjali.

I. INTRODUZZJONI ĠENERALI GĦAT-TWEGĪBIET TAL-KUMMISSJONI

Is-servizzi ta' konsulenza esterna jiġu akkwistati mill-Kummissjoni bil-ħsieb li jinkisbu għarfien espert u għarfien speċjalizzat, li jikkomplementaw l-għarfien intern. Id-deċiżjoni li tirrikorri għal servizzi ta' konsulenza tittieħed mill-kapijiet tad-dipartimenti tal-Kummissjoni, abbażi tal-ħtiġijiet tagħhom u l-valutazzjonijiet tar-riskji u r-riżorsi disponibbli. Dan jgħin biex jiġi żgurat użu effiċjenti tar-riżorsi f'kundest kemm tad-domandi dejjem jiżdiedu fuq il-Kummissjoni kif ukoll tar-restrizzjonijiet baġitarji stretti.

Filwaqt li s-servizzi ta' konsulenza esterna jistgħu jipprovdu lill-Kummissjoni b'kontribut tekniku importanti, hija tibqa' kompletament responsabbli għat-twettiq tal-kompiti tagħha stess kif definiti fit-Trattati, inkluż l-iżvilupp tal-politika. Il-konsulenti, bħala riżorsi esterni, mhumiex integrati bħala tali fil-politika tal-persunal intern tal-Kummissjoni, u mhumiex sostitut għall-forza tax-xogħol ewlenija.

L-użu mill-Kummissjoni ta' servizzi ta' konsulenza esterna huwa soġġett għal sett ta' regoli li, kif jiddikjara r-rapport¹, jiġu segwiti mis-servizzi tal-Kummissjoni f'konformità mal-mudell deċentralizzat ta' responsabbiltà finanzjarja tal-Kummissjoni. Filwaqt li l-Kummissjoni tqis li s-sejbiet tal-awditjar ma jiġġustifikawx riforma fundamentali tal-użu tas-servizzi ta' konsulenza esterna, hija tilqa' r-rapport tal-Qorti u l-konklużjonijiet deskritti fih, bil-ħsieb li jissaħħaħ aktar il-qafas eżistenti.

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjonijiet kollha.

II. TWEGĪBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-QEA

Rakkomandazzjoni 1 — Jiġi kkompletat il-qafas eżistenti li jirregola l-użu tas-servizzi ta' konsulenti esterni

(Data mmirata għall-implimentazzjoni tal-QEA: Diċembru 2023)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni:

- a) li tiddefinixxi l-forom differenti ta' appoġġ li jistgħu jipprovdu l-konsulenti esterni;**
- b) li tinkludi gwida dwar kif għandhom jitwettqu l-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet, inklużi metodi biex tiġi vvalutata l-ħtieġa li x-xogħol jiġi esternalizzat minflok ma jintużaw membri tal-persunal interni;**
- c) li tipprovdi kriterji applikabbli għal attivitajiet u proċessi li jenħtieġ li jibqgħu fi ħdan il-Kummissjoni u ma jiġux esternalizzati.**

¹ Ara l-osservazzjoni 35 tal-QEA.

Biex timplimenta r-rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni se tistabilixxi gwida ddedikata. Se tagħmel dan billi tibni fuq is-sett estensiv ta' regoli u linji gwida li bħalissa huma fis-seħħ. Dawn jinkludu l-qafas legali pprovdut mir-regolament finanzjarju u r-regoli dwar l-akkwist pubbliku, il-qafas ta' regolamentazzjoni aħjar dwar il-gwida għall-użu ta' konsulenza esterna għall-evalwazzjonijiet u l-istudji, il-gwida korporattiva dwar il-fornituri esterni tas-servizzi li jaħdmu mill-bini tal-Kummissjoni u l-qafas tar-rapportar finanzjarju (ABAC).

Meta timplimenta din ir-rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni se tiżgura ġestjoni ottimali tar-riżorsi u bilanċ bejn il-ħtieġa li jittaffew ir-riskji identifikati mill-QEA² u l-ħtieġa li jiġi garantit aċċess flessibbli biżżejjed għas-servizzi ta' konsulenza. Jenħtieġ li dan jippermetti lill-Kummissjoni twettaq l-għanijiet u l-prijoritajiet ta' politika tagħha, filwaqt li dejjem tirrispetta l-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba. Il-Kummissjoni tapprezza r-referenzi għal prattiki tajba implimentati mis-servizzi tal-Kummissjoni u msemmija fir-rapport tal-awditjar³, pereżempju fir-rigward tal-gwida pprovduta mil-linji gwida għal regolamentazzjoni aħjar u s-sett ta' għodod għall-ippjanar u l-ġustifikazzjoni tal-użu tas-servizzi ta' konsulenza esterna għall-evalwazzjonijiet u se tużahom bħala punti ta' riferiment.

Rakkomandazzjoni 2 - Titjib tal-monitoraġġ u tal-mitigazzjoni tar-riskji li jirriżultaw mill-użu tas-servizzi ta' konsulenti esterni

(Data mmirata għall-implimentazzjoni tal-QEA: Diċembru 2023)

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni:

a) li tanalizza perjodikament ir-riskji ta' konċentrazzjoni u dipendenza żejda fil-livell tad-direttorati ġenerali u tal-Kummissjoni;

Kif indikat mill-QEA fir-rapport⁴, ċerti tipi ta' riskji korporattivi relatati mas-servizzi ta' konsulenza esterna jistgħu ma jkunux viżibbli fil-livell tad-Direttorati Ġenerali individwali. Tali riskji se jiġu analizzati perjodikament mis-servizzi ċentrali, abbażi tal-informazzjoni riċevuta mid-Direttorati Ġenerali fil-proċess tal-valutazzjoni tar-riskju kif ukoll abbażi ta' kwalunkwe sors ieħor ta' informazzjoni, inkluża d-*data* kompluta u preċiża mis-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja (STF) (ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjoni 4). Se tingħata gwida komplementari lis-servizzi, kif meħtieġ.

b) li tiċċara l-proċessi fis-seħħ li huma relatati ma' vantaġġi kompetittivi miksuba minn fornituri esterni b'esperjenza fit-tul tal-UE;

Skont ir-Regolament Finanzjarju, ir-regoli ġenerali dwar l-akkwist japplikaw għal kwalunkwe tip ta' kuntratt ta' akkwist pubbliku, inklużi dawk relatati mas-servizzi ta' konsulenza. Il-Kummissjoni se tkompli tiċċara l-proċessi fis-seħħ.

c) li tikkompleta l-gwida dwar l-evitar ta' kunflitti ta' interess billi tintegra r-riskji li għadhom mhumiex koperti.

Il-Kummissjoni se tkompli ssaħħaħ u tiċċara r-regoli relatati mal-evitar ta' kunflitti ta' interess professjonali billi tiżviluppa aktar linji gwida interni, flimkien ma' dawk li diġà jeżistu fil-Vademecum tal-Akkwist. Barra minn hekk, fl-emenda mmirata tar-Regolament Finanzjarju, il-

² Ara l-osservazzjonijiet 37 sa 54 tal-QEA.

³ Ara l-osservazzjoni 28 tal-QEA.

⁴ Ara l-osservazzjoni 56 tal-QEA.

Kummissjoni pproponiet rekwiżiti u obbligi addizzjonali li jsaħħu d-dispożizzjonijiet eżistenti tar-Regolament Finanzjarju dwar l-interessi professjonali kunfliġġenti.

d) li tiżgura li d-direttorati ġenerali jidentifikaw u jirrapportaw riskji kritiċi, u li dawn ir-riskji jinġiebu għall-attenzjoni tal-bord tal-ġestjoni korporattiva, biex dan jikkoordina u jagħti pariri dwar il-valutazzjoni u l-ġestjoni ta' tali riskji;

Il-Kummissjoni għandha proċess ta' valutazzjoni tar-riskju stabbilit sew, li abbażi tiegħu kull Direttorat Ġenerali jivvaluta r-riskji għall-attivitajiet tiegħu fuq bażi regolari u jinnotifika r-riskji kritiċi lis-servizzi korporattivi. Dawn ir-riskji kritiċi huma u se jkomplu jinġiebu għall-attenzjoni tal-Bord tal-Ġestjoni Korporattiva. Se tingħata gwida komplementari dwar kwistjonijiet relatati mal-użu tas-servizzi ta' konsulenza esterna lis-servizzi, kif meħtieġ.

Rakkomandazzjoni 3 - Isir użu aħjar mir-riżultati tas-servizzi ta' konsulenti esterni

(Data mmirata għall-implimentazzjoni tal-QEA: Diċembru 2023)

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni:

Il-Kummissjoni tilqa' l-valutazzjoni pożittiva tal-QEA rigward il-qafas ta' regolamentazzjoni aħjar, li jipprovdi gwida għall-użu u t-tixrid tas-servizzi ta' konsulenza esterna, li jikkontribwixxi għat-teħid ta' deċizzjonijiet⁵. Se tkompli tanalizza kif tista' tottimizza l-kondiviżjoni interna tal-informazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tagħlimiet meħuda fir-rigward tal-ambitu sħiħ tas-servizzi ta' konsulenza akkwistati, sabiex isir l-aħjar użu mis-servizzi akkwistati u mill-informazzjoni miġbura mill-perspettiva korporattiva.

a) Valutazzjonijiet sistematiċi ta' wara t-tlestija biex titgħallem tagħlimiet;

Il-Kummissjoni twettaq valutazzjonijiet ta' wara t-tlestija qabel il-ħlas finali lill-kuntrattur. Dan jimplika rieżami u validazzjoni tal-kompiti/tar-riżultati tanġibbli, f'konformità mal-klawżoli tal-kuntratt. Fejn il-kompiti/ir-riżultati tanġibbli ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-kuntratt, tiġi organizzata proċedura kontradittorja, bil-ħsieb li jiġu applikati penali kuntrattwali. Dawn jistgħu jinkludu tnaqqis fil-prezz għal kwalità baxxa jew danni likwidati għal dewmien fil-konsenja. Barra minn hekk, jekk tiġi stabbilita l-eżistenza ta' riskji għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni, abbażi ta' ksur bħal, fost l-oħrajn, kondotta professjonali gravi, irregolarità skont it-tifsira tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95, frodi, korruzzjoni jew nuqqasijiet sinifikanti fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt li jwasslu għat-terminazzjoni bikrija tiegħu jew l-impożizzjoni ta' penali kuntrattwali, il-kuntrattur jista' jiġi rreġistrat fil-Bażi tad-Data dwar l-Identifikazzjoni Bikrija u l-Esklużjoni. Din l-informazzjoni hija disponibbli għall-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni fid-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkompli tiċċara li d-Direttorati Ġenerali jeħtieġ li jwettqu valutazzjonijiet tat-tagħlimiet meħuda meta jitlestew il-kuntratti.

b) Analiżi sistematika ta' jekk it-trasferiment tal-għarfien mill-konsulenti lill-membri tal-persunal tal-Kummissjoni jkunx meħtieġ;

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. It-trasferiment tal-għarfien mill-konsulenti għall-persunal tal-Kummissjoni jew għal konsulenti oħra li jsegwu komputu speċifiku huwa meħtieġ għas-segwitu tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt u t-trasferiment. Għalhekk, il-Kummissjoni se tkompli tiċċara li

⁵ Ara l-osservazzjonijiet 66 u 71 tal-QEA.

d-Direttorati Ġenerali jeħtieġ li janalizzaw il-ħtieġa li jittrasferixxu l-għarfien meta jiġu konklużi l-kuntratti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tesplora jekk tistax tiġi inkluża klawżola kuntrattwali fakultattiva fil-mudelli tal-kuntratt.

c) Arranġamenti fil-livell korporattiv għat-tixrid tat-tagħlimiet meħuda u tar-risultati u l-identifikazzjoni ta' prattiki tajbin tal-assenjamenti ta' konsulenti esterni.

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Se tesplora kif tiffaċilita aktar il-kondiviżjoni u t-tixrid tat-tagħlimiet meħuda u tar-risultati u l-identifikazzjoni ta' prattiki tajbin relatati mal-użu tas-servizzi ta' konsulenza fin-networks interni professjonali rilevanti tal-Kummissjoni, b'kunsiderazzjoni xierqa tar-rekwiżiti applikabbli dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-*data*.

Rakkomandazzjoni 4 - Titjib tar-rapportar dwar l-użu tas-servizzi ta' konsulenti esterni

(Data mmirata għall-implimentazzjoni tal-QEA: Diċembru 2023)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni taqbel mal-fehma tal-QEA li l-kwalità tad-*data* dwar is-servizzi ta' konsulenza tista' titjeb aktar. Diġà ħadet azzjoni biex tagħmel dan billi introduċiet regoli speċifiċi dwar il-kwalità tad-*data* għar-reġistrazzjoni tad-*data* dwar servizzi ta' konsulenza (inkluża l-indikazzjoni korretta tas-subtip ta' servizz, jiġifieri studju, evalwazzjoni eċċ.) mid-dipartimenti tal-Kummissjoni fis-sistemi tal-informazzjoni finanzjarja tal-Kummissjoni. Id-*data* ta' konsulenza, inkluż dwar il-volum u t-tipi tas-servizzi ta' konsulenza miksuba, issa tista' tiġi ppubblikata biss sakemm ir-rekwiżiti tal-kwalità msemmija jinżammu.

B'segwitu għal tali kontrolli tal-kwalità, il-Kummissjoni se tkompli tirrapporta permezz tas-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja (STF), portal web miftuħ għall-pubbliku ġenerali u aġġornat fuq bażi annwali⁶. Pereżempju, sa tmiem Ġunju 2022 se jsiru disponibbli il-kuntratti tal-2021, f'konformità mar-rekwiżiti ta' rapportar skont l-Artikolu 38 tar-Regolament Finanzjarju.

Il-Kummissjoni se tirrifletti dwar kif tirrapporta regolamentarment dwar l-informazzjoni li se tkun disponibbli fis-STF u tikkunsidra rapportar addizzjonali, kif xieraq.

⁶ Link għas-STF: <https://ec.europa.eu/budget/financial-transparency-system/index.html>